MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 56/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Robert Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Robert Farrugia iben Emanuel u Mary Rose nee' Ellul, imwieled Pieta` fil-25 ta' Settembru 1980 u residenti gewwa 100, Marion House, Triq Emanuel Cuschieri, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 439580M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta' Dicembru 2008 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta’ Dicembru 2004 mill-Magistrat Dr A. Vella LL.D, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammisjoni maghmula mill-imputat fis-seduta tat-2 ta' April 2013, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u t-trapass taz-zmien minn dak in-nhar li sar ir-reat u minn naha l-ohra il-fedina penali aggornata tal-imputat li fiha diversi kundanni fosthom taht il-Kapitolu 65 u l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u kundanna wahda dwar ricettazzjoni ta' hwejjeg misruqa, ghalkemm l-ebda wahda ma tirrigwarda reati konnessi ma' droga. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv.

Ghalkemm is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta' Dicembru 2004 mill-Magistrat Dr. A.Vella LL.D. ma gietx esebita, madankollu l-imputat ammetta wkoll it-tieni imputazzjoni fis-sens li huwa recidiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' €100, bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Stante li ma gewx nominati esperti f'din il-kawza, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument PG, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni,

liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------